# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 55/2015**

Il-Pulizija

vs

**Jesmond Scerri**

iben Emanuel, imwieled Haz-Zabbar, fit-2 ta' Gunju, 1967, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 233267(M)

Illum, 8 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jesmond Scerri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Gunju 2014 sa Lulju 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Audrey (Audrianne) Scerri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Jesmond Scerri pprezentat fid-9 ta’ Frar, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevokaha u thassarha in kwantu l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta' xahar detenzjoni, u minflok tordna li l-istess appellant jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi hu minnu bhala fatt li bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ‘Il-Pulizija v. Jonathan Attard’ moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:

"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi flit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri ial-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. "

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell tvarja d-diskrezioni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi u ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" [26.2.2009] :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena eroga mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli

taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Oorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta, vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi fil-kaz odjern tal-appellant Jesmond Scerri, mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, u l-piena lanqas ma hi wahda sproporzjonata meta wiehed ihares lejn il-mod li bih il-kontravvenzjoni ta' min ma jhallasx manteniment normalment tigi punita.

Pero' f'dan il-kaz, kif gara fil-kaz tal-Appell Kriminali citata supra fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, u fil-kaz ta' "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler", ser jirrizulta li fil-mori tal-appell, l-appellant ser ikun hallas dak dovut minnu bhala manteniment skont l-imputazzjoni, u ghalhekk ser tkun proprju sehhet "cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata w li ghalhekk tista' taghti lok ghal temperament fil-piena.

Illi mhux hekk biss izda talli jigi umilment rilevat li dan mhux kaz ta' xi hadd li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment, izda dan in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment kien b'konsegwenza ta' bdil drastiku fl-introjtu tieghu billi tilef l-impjieg illi kellu. Dan wassal ghan-nuqqas ta' ottemperanza mal-kuntratt ta' separazzjoni surriferit.

Huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista targurnenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero' huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu, sakemm il-kontestazzjoni ma tkunx wahda frivola.

Illi effettivarnent jirrizulta li dan hu l-ewwel kaz fejn l-appellant qed jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-appellant mhuwiex xi bniedem refrattarju, anzi hu bniedem li spicca f'dan l-inkwiet fl-isfond li l-impjieg tieghu spicca, u genwinament m' ghandux flus minn fejn ihallas.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2016 l-appellant hallas seduta stante dak kollox dovut lill-parte civile. Ghalhekk, f'din ic-cirkostanza l-piena ghandha tkun wahda aktar ragonevoli.

Ghaldaqstnat, fil-waqt li tigi konfermata l-htija tal-appellant, tilqa l-appell ta' Jesmond Scerri dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena appellata u minflok tillibera lill-istess Jesmond Scerri taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.